Isla

Citta' Invicta

# Kunsill Lokali Isla

## RAPPORT AMMINISTRATTIV U TA' ĦIDMA
## APRIL 2003 - MARZU 2004

# (1) INTRODUZZJONI

Din hija it-tieni sena ta' dan ir-Raba' Kunsill li ġie elett f'Marzu 2002. F'Din it-tieni sena il-ħidma tal-Kunsill kienet immirata lejn proġetti kapitali kif ukoll proġetti soċjali fl-ambitu tal-business plan tiegħu għas-snin 2003 - 2006.

# (2) IL-KUNSILL

Il-formazzjoni tal-Kunsill għal din is-sena baqgħet l-istess bħas-sena ta' qabel :

| | | |
|---|---|---|
| Sindku | - | Joseph Casha |
| Viċi Sindku | - | Walter Ahar |
| Kunsillieri | - | Charmaine Gerada, Mario Mizzi, Reno Chircop |

## (2.1) Laqgħat tal-Kunsill

Matul din is-sena, April 2003 - Marzu 2004 saru 17 il-laqgħa tal-Kunsill u l-attendenza kienet hekk :

| Kunsillier | Laqgħat | Preżenti | Assenti | Skużat / a |
|---|---|---|---|---|
| J. Casha (Sindku) | 17 | 17 | 0 | 0 |
| W. Ahar (V. Sindku) | 17 | 17 | 0 | 0 |
| C. Gerada (Kunsillier) | 17 | 15 | 0 | 2 |
| M. Mizzi (Kunsillier) | 17 | 16 | 0 | 1 |
| R. Chircop (Kunsillier) | 17 | 16 | 0 | 1 |
| A. Zammit (Seg. Eżekuttiv) | 17 | 17 | 0 | 0 |

# (3) FORMAZZJONI TAL-KUMITATI U SOTTO KUMITATI

Joseph Casha - (Sindku) Chairperson,

Kumitat : Finanzi.

Joseph Casha - (Sindku) Chairperson

Sotto Kumitat : Ġustizzja, Awtorita ta' l-Ambjent u l-Ippjanar, Għaqdiet Lokali.

Joseph Casha - (Sindku) Chairperson

Sotto Kumitat : Kommunikazzjoni Internazzjonali, Ġemellaġġ.

Walter Ahar - (Viċi Sindku) Chairperson

Sotto Kumitat : Ambjent, Wirt Storiku, Xogħol ta' Rikostruzzjoni.

Charmaine Gerada - (Kunsillier) Chairperson

Sotto Kumitati : Proġetti w Infrastruttura, Korporazzjonijiet Governattivi, Informazzjoni lokali.

Mario Mizzi - (Kunsillier) Chairperson

Sotto Kumitati : Anzjani, Affarijiet tal-Familja, Attivitajiet Soċjali, Ismijiet tat-Toroq.

Reno Chircop - (Kunsillier) Chairperson

Sotto Kumitati : Żgħażagħ u Sport, Xogħol ta' Manutenzjoni u Korporazzjoni Enemalta.

Anna Spiteri - Chairperson

Sotto Kumitati : Edukazzjoni w Informatika, Inizjattiva w Ħidma Soċjali.

(3.1) Tibdil fis-Sotto Kumitat Għall-Edukazzjoni

Minħabba li s-Sinjura Anna Spiteri ma kienetx f'pożizzjoni li tkompli tmexxi dan is-sotto-kumitat għal raġunijiet ta' pressjoni ta' xogħol, intlaħaq ftehim biex is-Sindku Joe Casha jieħu r-rwol ta' Chairperson sakemm Ms. Spiteri tħossha lesta li tieħu lura r-responsabbilitajiet tagħha bħala Chairperson ta' dan is-sotto-kumitat. Is-Sindku Joe Casha baqa' bil-ftehim ma' Ms. Spiteri li Vanessa Sammut ser tgħin f'dan is-Sotto-Kumitat.

## (4) Impenn Soċjali

Bħas-sena ta' qabel dan il-Kunsill kompla jisħaq fuq l-importanza ta' l-aspett soċjali u kulturali tal-lokal u nvesta diversi attivitajiet u proġetti biex ikompli jgħolli l-livell soċjali u kulturali fil-lokal.

(4.1) Attivitajiet Jum l-Isla

Din is-sena l-Kunsill Lokali kkomemora Jum l-Isla bi programm ta' attivitajiet soċjali, kulturali u rikrejattivi li ġew imtella' bejn l-4 u d-9 ta' Mejju, 2003.

F'dawn il-ġranet ġew organizzati esibizzjonijiet, ħarġiet kulturali, coffee morning u attivitajiet għat-tfal ta' l-iskola primarja Dom Mauro Inguanez.

Nhar it-Tlieta 6 ta' Mejju, 2003 il-Kunsill tellgħa Lejla Letterarja dwar l-Isla flimkien ma' l-Għaqda Letterarja Maltija. Din saret fis-Sala tal-Kunsill.

Nhar it-8 ta' Mejju, 2003, Jum l-Isla saret Quddiesa għat-tfal ta' l-Iskola, sar tħawwil ta' siġar u qari ta' poeżiji mit-tfal ta' l-iskola u attivitajiet għat-tfal u ġenituri ġewwa l-iskola. Filghaxija saret Quddiesa ta' ringrazzjament fil-Knisja parrokjali, wara tqegħdu bukketti ta' fjuri b'akkumpanjament mill-Group tal-Boy Scouts.

L-għada 9 ta' Mejju, 2003 fi Ġnien il-Gardjola ġiet imtella' Lejla Maltija u Kompetizzjoni ta' l-Imbid.

## (4.2) Proġett Summer Club / Family Literacy Programme (Lulju/Awwissu'04)

Dan il-proġett, l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu, ġie organiżżat mill-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi (FES) u mtella' mill-Kunsill Lokali, bejn is-16 ta' Lulju u d-29 t'Awwissu, 2003.

L-għan ewlieni ta' dan il-proġett kien li l-Kunsill juri lill-komunita' li mhux biss il-post fejn in-nies jaħdmu u joqgħodu iżda wkoll fejn nitgħallmu u naqsmu l-idejat tagħna. Il-parteċipazzjoni tar-residenti f'dan il-proġett kienet il-qofol tas-suċċess li nkiseb.

Kull nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa bejn id-9.30am u n-12.30pm, tfal bejn il-5 u l-10 snin attendew fis-sala tal-Komunita' fil-bini tal-Kunsill. L-ewwel 45 minuta kienu dedikati għall-programm tal-Family Literacy mħaddem minn għalliema mħarrġa apposta mill-Fondassjoni. Il-bqija tal-ħin it-tfal ġew inkoraġġiti sabiex jużaw il-krejattivita' tagħhom permezz ta' tpinġija, crafts u logħob edukattiv li jgħinhom sabiex jiżviluppaw kundizzjoni fiżika u sens ta' team work.

Kull nhar ta' Ġimgħa fl-għaxija, bejn is- 7.30 pm u t- 8.30pm ġew organizzati sessjonijiet edukattivi fil-beraħ ix-Xatt ta' l-Isla, fejn kull sessjoni ġiet abbinata ma' suġġett partikolari bħal: Kif Nieħdu Ħsieb L-Annimali; Il- Mużika; Sports; Il-Ħbiberija u Crafts. Għal dawn is-sessjonijiet ipparteċipaw tlett organizazzjonijiet lokali li kienu l-Kummissjoni Żgħażagħ Senglejani (Ħbiberija), s-Senglea Athletics FC Youth Nursey (Sports) u s-Soċjeta' Filarmonika Queen's Own (Mużika). Fis-sessjonijiet tal-crafts ipparteċipaw Henry Alamango (Pittura), Saviour Bonello (pasturi tat-tafal), Elsie Ghirxi (lewlu) u Carmen Calleja (Ganutell) fejn it-tfal ingħataw l-opportunita' li jesprimu l-krejattivita' tagħhom waqt il-proċess tat-tagħlim tal-kitba u l-qari.

Ġie provdut tul is-sessjonijiet kollha P. A. System miċ-Ċentru tal-Brigata kif ukoll imwejjed u siggijiet mill-Conquest Bar.

Kemm is-sessjonijiet ta' fil-għodu kif ukoll dawk ta' fl-għaxija tista' tgħid li kienu suċċess kbir. Fil-fatt madwar 40 tifel u tifla attendew il-programm ta' fil-għodu u fil-għaxija kien hemm parteċipazzjoni numeruża min-naħa tal-ġenituri wkoll.

Dan il-proġett kien il-frott ta' ħidma serja u kontinwa tal-membri tas-Sotto-Kumitat Għall-Edukazzjoni tal-Ġenituri u tal-voluntiera li taw il-kontribut tagħhom kemm fit-twettiq kif ukoll fl-ippjanar tal-programm. Fil-fatt, qabel ma beda l-proġett, il-membri qattgħu xahrejn sħaħ jiltqagħu bejniethom sabiex ifasslu l-programm u jagħmlu l-kuntatti neċessarji ħalli dan il-programm jilħaq kemm l-għanijiet edukattvi tal-kunsill kif ukoll l-ħtiġijiet tal-komunita' ta' l-Isla. Ta' min isemmi illi

dawn il-membri kollha ħadmu fuq bażi volontarja u żammew l-impenn tagħhom mal-kunsill sa l-aħħar. Ta' dan nixtieq jirringrazzjahom mill-qalb.

Dan il-proġett huwa prova ċara li l-Kunsill Lokali qed iżomm l-impenn tiegħu sabiex jikkumbatti l-illitteriżmu u problemi edukattivi oħra fil-lokal permezz ta' proġetti ġodda u nnovattivi.

Dan il-proġett "Summer Club" ġie fil-qofol tiegħu b'get together fi Ġnien il-Gardjola għall-parteċipanti kollha inkluż il-ġenituri fejn kien mistieden il-Ministru ta' l-Edukazzjoni l-Onor. Louis Galea.

Ingħataw madwar 50 ktieb lit-tfal li pparteċipaw fis-"Summer Club".

(4.3) <u>Esibizzjoni ta' Akwarelli (Henry Alamango)</u>

Bħala parti mill-attivitajiet li ġew organiżżati biex ifakkru l-Ġemellaġġ bejn il-bliet ta' l-Isla u ta' Cassino (Italja) fis- 6 ta' Settembru, 2003 il-Kunsill tellgħa esibizzjoni ta' akwarelli ta' l-artist Henry Alamango, fis-Sala tal-Kunsill.

F'din il-wirja dan l-artist għażel li jiġbor il-karattru ta' l-Isla, belt kburija bl-istorja tagħha u bil-laqtiet pittoreski li toffri d-daħla tal-Port il-Kbir u tat-toroq imtarrġin tagħha.

L-attendenza mir-residenti tal-lokal kienet għolja u x-xogħlijiet tas-Sur Alamango ġew apprezzati ħafna.

(4.4) <u>ETC Literacy Programme</u>

Il-Kunsill approva t-talba biex l-ETC juża l-premises tal-Kunsill għall-literacy programme fuq il-bażi ta' dak li sar is-sena ta' qabel. Dan il-programm sar bejn Ottubru 2003 u Marzu 2004.

(4.5) <u>Grants għall-Gallarijiet</u>

Is-Sindku Joseph Casha ħadem kemm felaħ biex l-applikanti kollha mil-lokal jidħlu fl-iskema u jieħdu sussidju ta' 60% ta' l-iestimi mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar.

## (5) Attivitajiet imtella' mill-Kunsill

Afternoon Tea (27th April 2003)
Ħarġa Kulturali - Buskett Forest (7 May 03)
Week- End Break Paradise Hotel (9 May 03)
Week-End Break Hotel Riviera (17 -21 Jul 03)
Lejla Maltija (9 May 03 ) *Subsidised by L C*
Kompetizzjoni Nbid (9 May 03) *Subsidised by L C*
Night Cruise it-Tlieta (12 ta' Awissu 2003)
Coffee Morning (Sala Kunsill) 1 Oct 2003

Coffee Morning (Sala Kunsill) 24 Oct 2003
Coffee Morning & Lunch (Kamp. Rest.) 19 Nov 03
High Tea - Sala tal-Kunsill - 23 Nov 03
Ħarġa / Ikla - San Antonio Hotel 17 Dec 03
Rigal lill-Anzjani 21 Dec 03 *Subsidised by L.C. (Lm 300)*
Bazaar tal-Kunsill - Dec 03
Coffee Morning - Sala 10 Mar 04
Coffee Morning - Sunny Coast Resort, Qawra 24 Mar 04

## (6) Servizzi li qiegħed jagħti l-Kunsill

Dawn huma xi wħud mis-servizzi li qiegħed jagħti dan il-Kunsill liċ-ċittadini tal-lokal.

### (6.1) Ġbir ta' skart goff

Il-Kunsill bidel il-kuntrattur biex joffri servizz aħjar ta' ġbir ta' skart goff minn ġod-djar privati bi prezz orħos. Dan is-servizz qed jingħata darba kulljum.

### (6.2) Tindif tat-Toroq

Sar bdil tal-kuntrattur bil-għan li l-Kunsill jiffranka l-finanzi filwaqt li jżomm il-kwalita tas-servizz li kellu.

### (6.3) Ġbir ta' Skart Domestiku

Hekk kif għalaq il-kuntratt, il-Kunsill ħaseb biex joħroġ offerta ġdida. Wara konsultazzjonijiet u diskussjonijiet li saru dan il-Kunsill flimkien mal-Kunsilli Lokali tal-Birgu u tal-Kalkara ħarġu sejħa għall-offerti biex dan is-servizz joħroġ kollettivament bejn it-tlett ibliet. Dan sar bir-riżultat li issa dan is-servizz qed jingħata mill-Kunsill b'inqas spejjeż minn qabel.

### (6.4) Żamma tal-Ġonna

Dan huwa servizz ieħor li l-Kunsill ħass il-bżonn li jbiddel il-kuntrattur. Bit-tibdil li sar lż-żamma tas-siġar u ta' Ġnien il-Gardjola mar għall-aħjar u nħass ambjent aktar nadif.

### (6.5) Minuti lill-Għaqdiet

Il-Kunsill qed Iżomm aġġornat lill-Għaqdiet kollha fil-lokal regolarment billi jintbagħtulhom il-Minuti hekk kif ikunu approvati mill-Kunsill.

### (6.6) Servizz ta' pagamenti fil-Kunsill

Il-Kunsill qed ikompli jagħti servizzi biex jaqdi l-ħtiġijiet taċ-ċittadini fl-Isla bħal ma' huma l-ħlas ta' kera tal-Gvern, kontijiet tal-Maltacom u ċitazzjonijiet.

### (6.7) Sala Kunsill

Bħas-sena ta' qabel il-Kunsill qed joffri l-użu tas-Sala tal-Kunsill mingħajr ħlas liċ-ċittadini Sengleani. Infatti numru sabiħ ta' ċittadini għamlu użu mis-Sala biex organiżżaw birthday parties u riċevimenti ta' l-Ewwel Tqarbina u Griżma ta' l-Isqof. Fuq suġġeriment tal-Kunsill kull ċittaqdin li għamel użu minn din is-Sala ta' donazzjoni f'kotba għal-librerija pubblika fil-lokal.

### (6.8) Ladies' Circle - Skola Primarja, Isla

Il-Kunsill ħeġġeġ lil-Ladies' Circle li huwa Sotto Kumitat tal-Kunsill Skolastiku ta' l-Iskola Dom Mauro Inguanez biex jagħmlu attivitajiet fis-Sala tal-Kunsill mingħajr ħlas. Ir-rispons kien pożittiv għaliex dawn użaw is-Sala tal-Kunsill biex organiżżaw coffee morning fis-Sala tal-Kunsill bħala fund raising activity.

### (6.9) Street Lighting Devolution

Il-Kunsill ħa f'idejh it-tmexxija għall-ħsarat ta' dawl jew lampi ġodda.

### (6.10) Koperattiva Żjarat Kulturali

B'kollaborazzjoni mal-Kunsill il-Koperattiva Żjarat Kulturali kważi kull ġimgħa ġabu Anzjani u nies oħra biex Iżuru l-lokal tagħna bl-għajnuna tal-Kunsill.

### (6.11) Stallazzjoni ta' Antenna

Il-Kunsill kien oġġezzjona dwar stallazzjoni ta' Antenna fuq il-Knisja ta' San Filippu wara diversi lmenti mir-residenti għaliex ma' kienx żgurat li ma' hemmx periklu għas-saħħa ta' l-istess residenti.

### (6.12) Kollaborazzjoni ma' Kunsilli Oħra

Dan il-Kunsill dejjem aċċetta li jilqa' fil-lokal residenti minn lokalitajiet oħra jew talbiet tal-Kunsilli Lokali rispettivi tagħhom.

Waħda minn dawn iż-żjarat kienet ta' Anzjani mill-Kunsill Lokali tal-Qala u tax-Xewkija, Għawdex u Żurrieq, Malta.

## (7) Seminars u Laqgħat

Uħud mis-Seminars ewlenin li ħa sehem fihom il-Kunsill kienu :

## (7.1) Ġimgħa Ewropeja taż-Żgħażagħ (Settembru 2003)

Is-Sindku Joseph Casha attenda sessjoni nformattiva mtella' mill-Kummissjoni Ewropeja dwar il-Youth Programme f'Malta. F'dawn is-sessjonijiet ingħata tagħrif ġenerali dwar dan il-proġett ta' kif wieħed jista' jieħu sehem u jibbenefika minnhu.

## (7.2) Konferenza Nazzjonali ta' Family Literacy

Is-Sindku Joseph Casha kien mistieden għal din il-Konferenza Nazzjonali mtella mill-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi (FES) fil-lukanda Coastline fejn ġew diskussi x'inhuwa Family Literacy kif taħdem u r-rwol.

## (7.3) Clients' Forum - ADT (Lulju, 2003)

Is-Sindku Joseph Casha flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attenda Forum imtella' mill-ADT fil-Crowne Plaza, Sliema nhar il-25 ta' Lulju, 2003 fid-9.00am bit-tema "Traffic Management - A Local Council Perspective" - Gwida ta' Mplimentazzjoni tat-Traffiku u miżuri ta' sigurta'.

## (7.4) Inizjattiva mill-Malta Tourism Authority fil-Prijoritajiet tat-Turiżmu (Mejju, 03)

Is-Sindku Joseph Casha attenda dan il-forum li ttella' mill-Malta Tourism Authority nhar it-23 ta' Mejju, 2003 fil-Kavallier ta' San Ġakbu, fiċ-Ċentru għall-Krejattivita, Valletta.

L-għan ta' dan is-seminar kien li jiġl diskuss il-kollaborazzjoni li tista' ssir biex itejjbu l-Ambjent.

## (7.5) Jum Dinji kontra d-Droga (26 ta' Ġunju, 2003)

Il-Kunsillier Reno Chircop attenda dan is-Seminar imtella' mill-Kunsill Lokali Marsascala fil-Jum Dinji kontra d-Droga.

## (7.6) Education for Democratic Citizenship (30 & 31 ta' Mejju, 2003)

Is-Sindku Joseph Casha u Vanessa Caruana rrappreżentaw lill-Kunsill fi "Stock Taking Forum" mtella' mill-EDC u NCC Forum Group fil-Lukanda Corinthia San Ġorġ.

Suġġetti diskussi kienu :

- ➔ Stock Taking Forum
- ➔ Democracy - Students at School
- ➔ Democracy in School

### (7.7) Seminar Ġemellaġġ (4 Ottubru, 2003)

L-Alleance Francaise ta' Malta flimkien mal-German Maltese Circle organiżżaw seminar dwar ġemellaġġi fil-lukanda Pergola Club il-Mellieħa. Għal dan is-Seminar attenda s-Sindku Joseph Casha.

### (7.8) Laqgħat Oħra

Aġenzija Aċċess dwar persuni bi Bżonnijiet Speċjali.

Laqgħa fit-13 u l-14 ta' Ġunju, 2003 għas-Sindki u Viċi Sindki (Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali)

Laqgħa fis-6 ta' Settembru, 2003 f'Għawdex għall-Kunsillier (Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali)

Laqgħa fis-26 u s-27 ta' Settembru, 2003 għas-Sindki u Viċi Sindki (Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali)

Wara talba mill-Arċipriet is-Sindku għamel diversi laqgħat mas-Sezzjoni taż-Żgħażagħ fi ħdan l-Azzjoni Kattolika.

Saru laqgħat ma' Grupp ta' Żgħażagħ mil-lokal fil-Kunsill.

Saru laqgħa ma' l-Awtorita tad-Djar dwar l-iskema "Care & Repair" għar-residenti.

Laqgħa mad-Diviżjoni tax-Xogħlijiet dwar xogħol imwettaq żmien ilu fil-lokal minn dan id-Dipartiment fejn kien hemm nuqqas ta' qbil fuq il-kontijiet mitluba.

Laqgħa mal-Manager ta' Dar St'Anna biex jiġi stabbilit il-mod li bih ikun jista' jgħin il-Kunsill.

## (8) Korsijiet

Matul din is-sena dan il-Kunsill ħadem u ppjana li jtellgħa korsijiet ta' Cake Decorating, Kors ta' ħjata tal-Purtieri, Korsijiet tas-Snajja' għat-tfal fil-vaganzi tas-Sajf kif ukoll Kors ta' taħriġ tal-Kompjuter f'diversi livelli.

Minħabba rispons fqir ċerta korsijiet ma' sarux. Fil-każ tal-Kors tal-Kompjuter dawn saru flimkien ma' Kunsilli Lokali oħra.

## (9) Proġett Euromed

Sar stħarriġ dwar dawk il-proġetti li l-Kunsill jista' jieħu sehem fihom taħt diversi programmi kif ukoll jistgħu jinkisbu finanzi biex isiru proġetti fil-lokal.

## (10) Żjara f'Cassino (10-16 ta' Lulju 2003) u l-iffirmar tal-Ġemellaġ fl-Isla (6-12 ta' Settembru, 2003)

Il-Kunsill ta' l-Isla għamel żjara fil-belt ta' Cassino fejn kien il-mistieden tal-Comune di Cassino. L-għan ta' din Iż-żjara kienet biex tinbeda l-ħidma ta' ġemellaġġ bejn Isla u Cassino.

Id-delegazzjoni mill-Isla ġiet mistiedna biex Iżżur postijiet ta' interess f'Cassino kif ukoll ma' entitajiet importanti fil-Belt ta' Cassino.Din Iż-żjara ingħatat importanza kbira mill-istampa tal-Belt ta' Cassino.

Waqt din iż-żjara sar l-ewwel parti ta' l-iffirmar tal-ġemellaġġ. It-tieni parti sar fl-Isla bejn is- 6 u t-12 ta' Settembru 2003 fejn delegazzjoni mill-Comune di Cassino żaret il-Belt ta' l-Isla u ġie iffirmat it-tieni parti tal-ġemellaġġ.

Permezz ta' dan il-ġemellaġġ qegħdin jitħejjew bi sħab proġetti utli speċjalment għaż-żgħażagħ taż-żewġt ibliet.

Wieħed mill-proġetti li l-Kunsill qed jaħdem fuqu u l- intalab li jitwettaq mill-Comune di Cassino huwa kors ta' l-Ingliż f'Malta għal studenti mill-belt ta' Cassino.

### (10.1) <u>Kors ta' l-Ingliż għall-studenti Taljani</u>

Bħala parti mill-ħidma tal-ġemellaġġ il-Kunsill ġabar tagħrif dwar korsijiet ta' l-Ingliż għal studenti minn Cassino f'Malta.

Wara li tħejja rapport dettaljat ta' diversi skejjel li jgħallmu l-Ingliż lill-barranin f'Malta, il-Kunsill qabel l-aħjar skola li taqdi t-talbiet u l-eżiġenzi ta' l-istudenti Taljani kienet GEOS Malta English Language Centre li hija bbażata fil-Plaza Complex Tas-Sliema.

Infatti l-Kunsill approva unanimament biex jirrakkomanda l-GEOS English Language Centre lil Comune di Cassino sabiex dan il-proġett iseħħ.

Il-Comune di Cassino ġie infurmat b'dan u bit-tagħrif meħtieġ dwar prezzijiet u tagħrif ieħor relatat mal-kors.

Il-Kunsill għadu qed jistenna tweġiba mill-comune di Cassino.

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kienu mistiedna f'Cassino bejn it-13 u s-16 ta' Marzu f'egħluq is-60 sena anniversarju mit-twaqqiegħ ta' din il-Belt fit-Tieni Gwerra Dinjija.

## (11) Delta Project

Dan il-proġett huwa mtella' minn Ruma u bħala partners hemm Alġerija, Israel, Marokk, Palestina, Franza, Spanja, Italja, Greċja u Malta fejn urew ix-xewqa li jaħdmu mal-bliet tal-Kottonera u għalhekk it-tlett ibliet intalbu jagħtu l-għajnuna tagħhom. Is-Sindki tat-Tlett ibliet qegħdin f'dan il-Kumitat biex imexxu dan il-proġett.

### (11.1) Xogħlijiet fl-Isla

Dan il-Kunsill ħass il-bżonn li jsir xogħol ta' resurfacing ta' ċertu toroq fl-Isla minħabba l-istat ħażin li jinsabu fih. Pero minħabba nuqqas ta' finanzi l-Kunsill ma' setgħax iwettaq dak li kien jinħtieġ li jsir. Għaldaqstant il-Kunsill daħal fi ftehim mad-Dipartiment tat-Toroq permezz ta' l-Awtorita dwar it-Trasport biex fi żmien sentejn il-Kunsill jagħmel seba' toroq għas-spejjeż tiegħu (Triq il-Vittmi tal-Gwerra, Triq il-Kurċifiss, Triq San Lawrenz, Dawret Ix-Xatt, Triq San Ġużepp, Triq il-Ponta u parti minn Triq Iż-Żewġ Mini). Dawn ser jammontaw għal madwar Lm 52, 000. Min-naħa tiegħu d-Dipartiment tat-Toroq għandu jħallas lura lill-Kunsill dan l-ammont fi tlett pagamenti ta'
Lm 17, 000 kull darba mifruxa fuq tlett snin.

L-ewwel parti tax-xogħol fuq it-toroq msemmija beda f'Lulju, 2003 fejn saret Triq Dawret Ix-Xatt fil-Ponta ta' l-Isla. Ftit ġimgħat oħra ser jinbeda x-xogħol ta' Resurfacing fi Triq il-Kurċifiss, Triq San Pietru u San Pawl u Triq San Lawrenz. Qabel dan il-Kunsill li bi ftehim mal-Korporazzjonmi għas-Servizzi ħa ħsieb biex jibdel is-servizzi ta' l-Ilma li kienu antikwati u mhux f'qagħda tajba.

Barra dan il-Kunsill wettaq bdil ta' servizzi ta' l-ilma fi Triq San Ġużepp li kienet f'sitwazzjoni ħażina ħafna. Il-Kunsill qed jippjana li din it-triq ukoll tiġI resurfaced bil-Hot Rolled Asphalt.

### (11.2) Xatt ta' l-Isla

Matul is-Sajf li għadda saru diversi xogħlijiet kbar ta' manutenzjoni u tiswijiet fix-Xatt ta' l-Isla minħabba li dan il-post hu frekwentat ħafna mir-residenti speċjalment fix-xhur tas-Sajf.

Saru xogħlijiet bħal :
- żebgħa tar-railings
- manutenzjoni u żebgħa bil-verniċ tal-bankijiet
- żbir tas-siġar
- żebgħa tal-ħadid kollu
- ffriskar tas-sinjali u t-tabelli tat-traffiku
- dawl kważi ġdid u bdil tax-shades
- żamma tal-latrini tax-Xatt

Dehra ġdid fil-Promenade:
- xogħol ieħor ta' manutenzjoni li xatt
- jitlob minn żmien għal żmien
- fustum b'dawl tul ix-xatt kollu
- Gradi ġodda mal-promenade
- ismijiet tat-toroq fejn kien jonqos madwar l-Isla
- tiżjin tal-Milied fi Triq il-Vitorja

### (11.3) Ħsarat fil-Moll tax-Xatt

F'Diċembru, 2003 parti sew mill-moll tax-Xatt ċehda u niżel taħt l-ilma, bil-konsegwenza li nħoloq inkonvenjent kbir għar-residenti tal-lokal tant li s'issa dan il-promenade ma' jistgħax jintuża.

Il-Kunsill mill-għada ta' l-inċident stess, beda jaħdem biex il-ħsarat li sofra dan il-moll jiġu rranġati minnufih.

Tant hu hekk li minnufih il-Kunsill ħejja rapport mill-perit tal-Kunsill dwar dawn il-ħsarat u x'hemm bżonn li jsir. Dan ir-rapport intbagħat għall-kunsiderazzjoni ta' l-Amministrazzjoni fil-Gvern Ċentrali.

Jidher li biex jiġu rranġati dawn il-ħsarat jinħtieġu finanzi mhux ħażin (finanzjament li dan il-Kunsill m'għandhux) l-entitajiet kkonċernati qed isibhu diffiċli li jibdew ix-xogħol minnufih.

Minkejja l-isforzi ta' dan il-Kunsill jidher li t-tiswijiet f'dan il-moll ser jieħdu ftit fit-tul aktar milli kien mistenni. Dan żgur ser ifisser tbatija u nkonvenjent akbar għar-residenti ta' l-Isla speċjalment issa li ġej is-Sajf.

Ma' dan ir-rapport amministrattiv hawn mehmuż ir-rapport imressaq mis-Sindku Joseph Casha u s-Segretarju Eżekuttiv fil-laqgħa tal-Kunsill Numru 33 dwar dak li sar u jinħtieġ li jsir fuq dan il-moll.

Il-Kunsill għadu qed jistenna li jibda x-xogħol meħtieġ.

### (11.4) Patching ta' Toroq

Il-Kunsill għamel patching sostanzjali bil-Hot Rolled Asphalt f'ħofor fi Triq il-Vitorja, Triq Iż-Żewġ Mini u quddiem Ġnien il-Gardjola.

## (12) Proġetti Futuri

### (12.1) Infrastruttura

Bħal ma' diġa semmejna l-Kunsill ser ikompli bil-ħidma tiegħu biex jagħmel resurfacing f'toroq oħra bil-Hot Rolled Asphalt minħabba l-kundizzjoni ħażina tagħhom.

Pero qabel isir dan il-Kunsill qed jippjana biex flimkien mal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma jsir tibdil ta' servizzi qodma ta' l-ilma kif ukoll rranġar ta' bankini fit-toroq li ser jiġu asfaltati bħal ma' diġa sar fl-erba' toroq imsemmija aktar qabel (Triq San Pietru u San Pawl).

Aktar tard din is-sena jkun imiss li jsir l-istess xogħol fi Triq il-Vittmi tal-Gwerra li fiha diġa sar it-tibdil tas-servizzi ta' l-ilma, Triq San Ġużepp u parti sewwa minn Triq Iż-Żewġ Mini.

(12.2) Uffiċċju tal-Kunsill f'Misraħ 4 ta' Settembru

Bħal ma' kien imwiegħed fil-bidu ta' din is-sena finanzjarja 2003/2004 dan il-fond qed jiġ trasformat biex isir bħala Librerija Pubblika fil-lokal flok dik li hemm fl-iskola.

Infatti hekk kif dan il-fond ġie devolut lill-Kunsill bil-kera f'Diċembru li għadda il-Kunsill beda x-xogħol ta' kostruzzjoni u refurbishment li kien hemm bżonn li jsir biex dan il-post jingħata dehra kif jixraq.

Barra dan, l-imsemmi fond qed jiġl atrezzat bil-makkinarju meħtieġ biex jibda' jingħata servizz. Ta' internet b'xejn lill-pubbliku matul il-ġurnata.

Ix-xogħol qiegħed fi stadju avvanzat u l-Kunsill qed jippjana li dan lċ-ċentru jkun inawgurat uffiċjalment f'Mejju li ġej f'Jum l-Isla, għalkemm is-servizz minn dan il-post ser jibda jingħata ferm qabel.

## (13) Proġetti bi sħab mal-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kotrtonera

Dan il-Kunsill ħadem mill-qrib ma' dan il-Kumitat biex jiġu approvati xogħlijiet ta' restawr u kostruzzjoni fil-lokal ta' l-Isla. Ir-rappreżentant tal-Kunsill fuq dan il-Kumitat huwa s-Sindku Joseph Casha. Għan-naħa tal-Gvern hemm ukoll is-Sinjura Charmaine Gerada.

(13.1) Xogħlijiet li qed isiru flimkien

Restawr tan-Niċċa u l-bieb ta' Sant'Anna u madwar
Restawr tas-Sur ta' San Mikiel u d-daħla ta' l-Isla

Xogħol ieħor

Il-Kumitat approva li l-offerta għall-upgrading ta' l-Area tal-Gardjola jinħareġ (9 ta' Jannar, 2003)

Instab kuntrattur li kien lest li jneħħi l-asbestos fil-kmamar ħdejn it-Torri ta' San Mikiel taħt l-Arloġġ (29 ta' Jannar, 2004).

(13.2) Żjara mill-Onor. Ninu Zammit (25/08/2003)

Saret żjara fl-Isla mill-Onor. Ninu Zammit Ministru għar-Riżorsi u Infrastruttura fejn segwa u ra x-xogħlijiet ta' restawr li qed isir mas-swar fid-daħla ta' l-Isla u fuq is-Sur ta' San Mikiel. Wara dan huwa żar il-Kunsill akkumpanjat mis-Sindku u Kunsilliera fejn ingħata merħba u rigal żgħir ta' l-okkażjoni.

### (13.3) Żjara mill-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici

Żjara mis-Segretarju Parlamentari Carmelo Mifsud Bonnici fil-Kunsill fejn ġie mgħarraf bis-sitwazzjoni tal-Kunsill fil-lokal.

### (13.4) Żjara mis-Sur Zhang

Żjara mis-Sur Zhang Segretarju Permanenti fl-Ambaxxata Ċiniża.

## (14) Ftehim Grand Harbour Marina / Għaqda Sajjieda, Dilettanti u Balklori

B'riżultat tal-kuntatti li saru bejn is-Sindku Joe Casha u s-Sur Charles Zammit mill-Awtorita' tat-Turiżmu saret laqgħa mas-Sur Albert Caruana mis-Segretarjat fil-Ministeru għat-Turiżmu biex jiġu ikkjarifikati ċertu punti f'dan il-ftehim (speċjalment klawsula 5).

Mid-diskussjonijiet li saru deher li kien aħjar jekk il-Kunsill jieħu parir legali (speċjlament fuq klawsula 9) u li kuntratt jkun għal 99 sena.

Mill-laqgħa li kellu l-Kunsill, l-avukat tal-Kunsill ta l-parir tiegħu biex il-Kunsill ma jaċċettax u ma jiffirmax il-ftehim kif imressaq mill-Grand Harbour Marina għax kien affarijiet li jistgħu jirreflettu ħażin fuq il-Kunsill.

Dawn l-oġġezzjonijiet intbagħtu bil-miktub lill-Avukat tal-Grand Harbour Marina.

Dan il-ftehim baqa' ma ġiex iffirmat minħabba li l-part tal-Grand Harbour Marina baqgħet ma weġbitx għall-oġġezzjonijiet li tqajjmu mill-Kunsill permezz ta' l-avukat tiegħu.

F'dan ir-rapport ġie aċċennat ix-xogħlijiet ewlenin li wettaq il-Kunsill u ftit minn dak ix-xogħol li hemm ipproġettat li jitwettaq.

Ta' kulljum il-Kunsill ikun qed iwettaq talbiet, ilmenti u servizzi kif mitlub mir-residenti minn ġurnata għall-oħra bil-għan li jitjieb l-ambjent u l-ħajja taċ-ċittadin tal-lokal.

Għal-li ġej il-Kunsill ser ikompli jibni fuq dak li għamel u fl-istess ħin jagħmel ħiltu biex jitgħallem minn xi żbalji li jkunu twettqu in buona fede.

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv

D:/finance/adminreportApr'03-Mar'04.doc